MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 3/2019 LM

**UHM Voice of the Workers (RTU 130)**

***vs*.**

**Gozo Channel (Operations) Limited (C 76704) u**
**Executive Security Services Ltd (C 45125)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-4 ta' Jannar, 2019 mill-attriċi **UĦM Voice of the Workers** (RTU 130), [minn issa 'l quddiem "il-*union* attriċi"], kontra s-soċjetajiet konvenuti **Gozo Channel (Operations) Limited (C 76704),** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta Gozo Channel"], u **Executive Security**

**Services Ltd** (C 45125), [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta ESSL"], li jgħid kif ġej:

"i. *Illi l-Union esponenti tirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema, membri tagħha, impjegati tas-soċjetà konvenuta, Executive Security Services Limited (ESSL) senjatament u fosthom dawk il-ħaddiema assenjati mill-istess ESSL sabiex jaħdmu bħala* cabin attendants *u baħrin mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel (Operations) Limited (GCOL);*

ii. *Illi minkejja li m'għandhiex kopja tiegħu, l-esponenti taf li l-konvenuti għandhom* Service-Level Agreement *bejniethom li permezz tiegħu l-konvenuta ESSL intrabtet li tassenja ħaddiema lill-konvenuta GCOL;*

iii. *Illi ġara li fix-xhur li għaddew, il-ħaddiema membri tal-esponenti u mpjegati mal-konvenuta ESSL assenjati minnha mal-konvenuta GCOL u li qed jagħmlu xogħol ta'* cabin attendants *u baħrin irrikorrew għand il-Union esponenti għaliex il-paga perċepita minnhom, komparata ma' ħaddiema simili tagħhom tal-konvenuta GCOL, hija anqas, anke jekk huma jagħmlu l-istess xogħol qua* cabin attendants *u baħrin mal-istess konvenuta GCOL;*

iv. *Illi ġaladarba kellha din l-informazzjoni f'idejha l-esponenti għamlet l-istħarriġ tagħha u kkonfermat li l-ħaddiema membri tagħha impjegati mal-konvenuta ESSL u assenjati mal-konvenuta GCOL biex jagħmlu xogħol ta'* cabin attendants *u baħrin kienu filfatt qed jipperċepixxu anqas paga minn dawk l-impjegati tal-GCOL li kienu jagħmlu l-istess xogħol. Illi għalhekk l-esponenti resqet dan l-ilment għall-attenzjoni maż-żewġ konvenuti, però mill-bidu tan-negozjati, spikka in-nuqqas ta' ko-operazzjoni taż-żewġ konvenuti. Filfatt min naħa waħda, l-konvenuta, konvenjentement ħaslet idejha u insistiet li ġaldarba l-membri in kwistjoni ma kienux impjegati tagħha, ma kellhiex awtorità u din setgħet biss tirrimedja. Min naħa l-oħra, l-konvenuta ESSL sempliċement injorat kwalunkwe talba għal diskussjoni bħallikieku r-regoli u l-liġijiet ma japplikawx għaliha;*

v. *Illi rinfaċċjata f'din is-sitwazzjoni ta' illegalità sfaċċata u attitudni ta' omnipotenza, l-esponenti rrikorriet għal azzjonijiet industrijali fl-interess tal-membri tagħha milquta minn tali illegalità;*

vi. *Illi mill-iskambju ta' korrispondenza, jidher li fis-6 ta' Awwissu, 2018, l-esponenti rreġistrat tilwima industrijali mal-konvenuti dwar il-*cabin attendants *u l-baħrin fuq il-vapuri tal-Gozo Channel u impjegati mal-konvenuta ESSL u b'dan ġie*

*mgħarraf id-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (DIER). Illi wara ġimgħa mir-reġistrazzjoni tat-tilwima ħadd ma indenja ruħu jibgħat ir-risposta tiegħu u filfatt fl-14 ta' Awwissu, 2018, l-esponenti bagħtet* reminder*. Wara dan ir-*reminder*, saru xi laqgħat li ma ħallew ebda frott u soluzzjoni anke għaliex daqqa ma jattendux rappreżentanti ta' konvenut wieħed u daqqa dawk tal-konvenut l-ieħor;*

*vii.* *Illi fis-16 ta' Settembru, 2018 l-esponenti avżat li kienet qed tagħti direttivi speċifiċi lill-membri milquta, ossia: (a) illi* cabin attendants *ma jnaddfux u ma jidħlux fit-*toilets*, u (b) il-baħrin ma jorbtux u ma jinżlux fil-garaxx;*

*viii.* *Illi fit-18 ta' Settembru, 2018, id-DIER iddikjara b'mod ċar u espress li l-ħaddiema* de quo *membri tal-esponenti li kienu qed jobdu d-direttivi tal-esponenti kienu qed jiġu diskriminati u ddikjarat illi* 'the applicable law to the present case appears to be the Temporary Agency Workers Regulations (S.L.452.106)';

*ix.* *Illi minkejja s-suespost, l-konvenuti baqgħu jinjoraw il-pendenza, u b'kooperazzjoni bejniethom għażlu jagħmlu atti illeċiti u diskriminatorji sabiex il-ħaddiema li leġitimament jobdu d-direttivi, jiġu kastigati. B'hekk b'mod leġittimu, l-esponenti, fil-11 ta' Novembru, 2018 ħarġet sett azzjonijiet ġodda u ċioe:*

- *Il-baħrin ma jorbtux, ma joperawx is-*side ramp*, ma jiġbrux boroz ta' skart u ma jilbsux l-uniformi jew ma ngħatawx l-uniformi sħiħa ; u*
- *Il-*cabin attendants *ma jnaddfux it-*toilets*, ma jiġbrux boroż ta' skart u ma jilbsux l-uniformi jew ma ngħatawx l-uniformi sħiħa.*

*x.* *Illi minflok jaderixxu ruħhom mal-liġi, l-konvenuti, b'intendiment bejniethom baqgħu jippersistu f'illegalità u rreaġixxew b'għamla ta' ritorsjoni kontra l-ħaddiema li obdew id-direttivi u filwaqt li l-konvenuta ESSL ordnat lill-ħaddiema* de quo *fuq* forced leave*, il-konvenuta GCOL waqfet tinkludi lill-ħaddiema* de quo *fir-*rosters *ta' kull ġimgħa biex b'hekk effettivament jeskluduhom mix-xogħol, iwaqqfulhom ix-xogħol u dan kollu b'detriment finanzjarju lill-ħaddiema* de quo *kif ukoll b'konsegwenza preġudizzjali lill-esponenti illi kellha u għandha kull dritt torganizza lill-ħaddiema u tmexxi 'l quddiem tilwima industrijali tagħhom sabiex ttiwaqqaf l-illegalità;*

*xi.* *Illi ma hemmx dubju bir-ritorsjoni tagħhom (u anke b'kummenti ta' rappreżentanti tal-konvenuta GCOL fuq is-*social media*) il-konvenuti riedu jintimidaw lill-ħaddiema u jdawru lill-ħaddiema kontra l-esponenti. Bl-aġir tagħhom, il-konvenuti ttentaw jintimidaw lill-ħaddiema b'mod tali li dawn ma*

*jifdlilhom l-ebda għażla ħlief li jinjoraw id-direttivi tal-esponenti li tirrappreżentahom, u għalhekk ir-rwol ta' dik l-esponenti safa' mxejjen fit-tilwima industrijali;*

xii. *Illi rinfaċċjata b'dina l-illegalità sfaċċata, fis-27 ta' Novembru, 2018, l-esponenti intavolat rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (1916/2018/1 LM), liema rikors ġie milqugħ proviżorjament. Filwaqt li l-konvenuta GCOL irrispondiet għar-rikors u dehret għat-trattazzjoni, l-konvenuta ESSL notifikata bil-mandat imsemmi, lanqas indenjat ruħu tirrispondi u wisq anqas tidher għat-trattazjoni tal-Mandat;*

xiii. *Illi permezz ta' digriet tas-17 ta' Diċembru, 2018 l-Onorabbli Qorti laqgħet ir-rikors limitatament fil-konfront tal-konvenuta ESSL filwaqt li ddeċidiet li fir-rigward tal-konvenuta GCOL ma jirriżultawx sodisfatti r-rekwiżiti meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex it-talbiet tal-esponenti rikorrenti jintlaqgħu;*

xiv. *Illi nonostante l-ħruġ tal-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni, l-ħaddiema membri tal-esponenti baqgħu jirċievu pagi ridotti u l-esponenti għandha evidenza li l-imsemmi Mandat ma ġiex segwit;*

xv. *Illi għalhekk kella ssir din il-kawża."*

Għalhekk il-*union* attriċi qegħeda titlob lil din il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, sabiex:

"1. *Tiddikjara illi l-konvenuti Gozo Channel (Operations) Limited u Executive Security Services Ltd., jew min minnhom, kissru l-liġi meta:*

*(i) l-ħaddiema tal-ESSL, mpjegati bħala baħrin u* cabin attendants *ma tħallsux l-istess rata ta' paga bħal dawk bħalhom fuq il-kotba tal-GCOL,*

*(ii) tnaqqset il-paga perċepita mill-ħaddiema tal-Executive Security Services Limited assenjati xogħol mal-Gozo Channel (Operations) Limited bħala* cabin attendants *u baħrin u dan talli obdew id-direttiva leġittima tal-Union rikorrenti,*

*(iii) ordnaw lill-ħaddiema tal-Executive Security Services Limited illi obdew id-direttivi leġittimi tar-rikorrenti joħorġu* on forced leave *u*

*(iv) meta l-istess ħaddiema tħallew barra mir-*roster *mill-Gozo Channel (Operations) Limited;*

2. *Tiddikjara illi bl-aġir illegali u abbużiv tagħhom, l-konvenuti, jew min minnhom, ikkawżaw u għadhom qed jikkawżaw dannu lill-ħaddiema milquta, prinċiparjament konsistenti f'tel ta' paga perċepita;*

3. *Tillikwida, jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' espert komputista, l-flejjes kollha dovuti mill-konvenuti jew min minnhom lil-istess ħaddiema milquta;*
4. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom iħalls tali flejjes ai termini tat-talbiet hawn fuq magħmula;*
5. *Tiddikjara illi l-aġir illegali u abużiv tal-konvenuti, jew min minnhom, huwa aġir abużiv u illegali intiż biss bħala reazzjoni malinna għall-azzjonijiet industrijali leġittimi meħuda mill-Union rikorrenti fil-kuntest ta' tilwima industrijali ;*
6. *Tiddikjara lill-intimati responsabbli għal aġir abbużiv anke fil-konfront tal-Union rikorrenti li minn naħa tagħha aġixxiet b'mod leġittimu fil-kuntest ta' azzjonijiet industrijali għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti ;*
7. *Tikkonferma l-fuq msemmi Mandat ta' Inibizzjoni numru 1916/2018/1 LM.*

*Bl-ispejjes kollha, inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1916/2018/1LM kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista' tispetta lir-rikorrenti, inkluż dik għal ħlas tal-paga kollha dovuta lir-rikorrenti wara illi din twaqqfet in segwitu għall-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq msemmi u dik għad-danni."*

Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta **Gozo Channel (Operations) Limited** ppreżentata fil-11 ta' Frar, 2019, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

"1. *Illi għandu jingħad li l-ħaddiema rappreżentati f'din il-kawża odjerna mill-UĦM Voice of the Workers huma kollha impjegati tas-soċjetà Executive Security Services Ltd u b'hekk il-Unjin għandha biss relazzjoni u rappreżentanza ta' ħaddiema li huma ingaġġati mas-soċjetà Executive Security Services Limited. Min-naħa tagħha, is-soċjetà Gozo Channel (Operations) Limited għandha relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà Executive Security Services Limited, permezz ta' liema l-istess soċjetà Executive Security Services Limited obbligat ruħha li tassenja ħaddiema sabiex jaħdmu ta'* cleaners *u baħrin mal-kumpannija Gozo Channel (Operations) Limited u a bażi ta' dan l-isfond u preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal-bqija ta' din r-risposta, is-soċjetà intimata mhijiex il-leġittimu kuntradditur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi, fl-opinjoni umli tas-soċjetà intimata Gozo Channel (Operations) Limited, din l-onorabbli Qorti m'għandiex tilqa' it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha u dan għaliex (a) l-kumpannija intimata m'għandiex relazzjoni ġuridika jew legali mar-rikorrenti għaliex mhijiex l-prinċipal tal-ħaddiema konċernati u għaliex (b) r-responsabbilità għal kwalunkwe ħlas jew ta' teħid ta' 'forced leave' m'hijiex responsabbilità tal-kumpannija intimata. Din responsabilità hija biss tal-prinċipal u kemm il-kapitolu 452 tal-liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti dwar Ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija (Liġi Sussudjarja 452.106) jqiegħdu l-obbligi ta' ħlas ugwali fuq il-prinċipal;*

3. *Illi, kif tajjeb qalet il-unjin rikorrenti, diversi xhur ilu l-kumpannija intimata kienet r-reċipjenti ta' '*notice*' ta' tilwima industrijali li kienet qed tiġi rreġistrata anke mad-Dipartiment tax-Xogħol u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) dwar il-pagi u l-ħlasijiet li kienu qed jsiru minn kuntrattur tal-kumpannija intimata u ċioe' Executive Security Services Limited;*

4. *Illi, il-kumpannija intimata dejjem sostniet li t-tilwima industrijali m'għandiex tkun indirizzata lill-Gozo Channel iżda lil kuntrattur bħala l-entità li tħaddem u tħallas lil membri tal-unjin;*

5. *Illi, għandu jingħad ukoll li l-unjin mhijiex qed tgħid l-verità meta issostni li kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni da parti tal-kumpannija intimata għaliex l-istess l-kumpannija intimata attendiet għal diversi '*conciliation meetings*' quddiem d-Direttur tax-Xogħol biex tipprova ssolvi s-sitwazzjoni u kienet il-kumpannija stess li ħeġġet lid-Direttur tax-Xogħol biex toħroġ b'deċiżjoni bil-miktub dwar il-kwistjoni li kienet għaddejja biex il-pożizzjoni legali tal-ħaddiema konċernati tkun ċara. Semmai dan l-argument għandu jiġi indirizzat lejn il-kuntrattur bħala prinċipal tal-ħaddiema rappreżentati mil-unjin. Illi ukoll relatat ma' dan il-punt mhuwiex minnu li s-soċjetà intimata ma osservatx il-mandat maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti u dan għaliex l-istess mandat ma ġiex milqugħ kontra l-istess soċjetà intimata Gozo Channel (Operations) Limited;*

6. *Illi ukoll, u speċifikament dwar ir-*rosters *is-soċjetà intimata tisħaqq dak li diġà qalet waqt it-trattazzjoni tal-mandat* de quo *li s-soċjetà intimata m'għandhiex għalfejn ittella' lil ħaddiema li ma jorbtux il-vapuri, għaliex jekk is-soċjetà intimata tagħmel dan hija tkun qiegħda taċċetta ksur tal-vinkolu kuntrattwali li hemm mas-soċjetà Executive Security Services Limited, permezz ta' liema l-istess soċjetà Executive Security Services Limited obbligat ruħha li tipprovdi ħaddiema li jistgħu jagħmlu x-xogħol ta' baħrin. B'hekk is-soċjetà intimata għandha tipproteġi d-drittijiet kontrattwali tagħha;*

7. *Illi għalhekk u kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra permess mil-liġi."*

Rat li s-soċjetà konvenuta ESSL, debitament notifikata, baqgħet kontumċja.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-*union* attriċi u mis-soċjetà konvenuta Gozo Channel (Operations) Limited.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-*union* attriċi u tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel (Operations) Limited.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tal-azzjoni odjerna, il-*union* attriċi qiegħda titlob lill-Qorti sabiex issib li l-konvenuti jew min minnhom, kisru l-liġi meta (a) ma tħallsitx lill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta ESSL, li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-vapuri tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel bħala baħrin jew *cabin attendants*, il-paga bl-istess rata fis-siegħa bħal dik li tħallset lill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel; (b) tnaqqset il-paga perċepita minn dawk il-ħaddiema talli obdew id-

direttiva leġittima tal-*union* attriċi u ġew ordnati joħorġu b'*forced leave*; (ċ) dawk il-ħaddiema tħallew barra mir-*roster* mis-soċjetà konvenuta Gozo Channel. Il-*union* attriċi qiegħda tikkontendi li bħala riżultat ta' dak l-aġir illegali u abbużiv, il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel batew id-danni konsistenti prinċipalment f'telf ta' paga perċepita. Għalhekk qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tillikwida l-flejjes dovuta lilhom mill-konvenuti jew min minnhom, u sabiex tordna lill-istess iħallsu s-somma hekk likwidata. Qiegħda titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi aġir huwa wkoll abbużiv u illegali fil-konfront tagħha, stante li hija mxiet b'mod leġittimu fil-kuntest ta' azzjonijiet industrijali. Issostni li tali aġir jikkonsisti proprju f'reazzjoni malinna għall-azzjonijiet industrijali leġittimi li hija ħadet f'kuntest ta' tilwima industrijali, u li għalhekk il-konvenuti għandhom ukoll jinżammu responsabbli għad-danni kollha sofferti minnha. Titlob ukoll li għandu jinżamm fis-seħħ il-mandat ta' inibizzjoni nru 1916/2018/1 LM milqugħ minn din il-Qorti.

Jirriżulta lill-Qorti li għadd ta' ħaddiema impjegati tas-soċjetà konvenuta ESSL, li kienet rebħet *tender* sabiex tissupplixxi lis-soċjetà konvenuta l-oħra b'ħaddiema li setgħu jaħdmu bħala baħrin u *cabin attendants,* kienu qegħdin isegwu d-direttivi maħruġa mill-*union* attriċi li tirrappreżenta l-interessi tagħhom. Dan stante d-diversi ilmenti li rċeviet l-imsemmija *union* attriċi dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom. Ġara però li wħud minn dawk il-ħaddiema ma ddaħħlux fir-*roster* li nħareġ mis-soċjetà konvenuta Gozo Channel wara li obdew id-direttiva tal-*union* attriċi sabiex ma jagħmlux xogħol ta' rbit tal-vapuri, filwaqt li oħrajn tpoġġew fuq *forced leave.*

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta Gozo Channel, filwaqt li spjegat li l-ħaddiema inkwistjoni kienu kollha impjegati tas-soċjetà konvenuta ESSL, wieġbet li hija mhiex il-leġittimu kuntradditur u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Qalet li hija m'għandha l-ebda rabta legali jew ġuridika mal-*union* attriċi, peress li hija mhix il-prinċipal tal-ħaddiema inkwistjoni, u għalhekk ir-responsabbilità għall-ħlas jew għat-teħid ta' *forced leave* kienet tal-prinċipal tagħhom, li kellu l-obbligu ta' ħlas ugwali permezz tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament dwar Ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija (Liġi Sussidjarja 452.106). Qalet li kien minnu li xi xhur qabel hija kienet irċeviet avviż ta' tilwima industrijali, li ġiet reġistrata ukoll mad-Dipartiment tax-Xogħol u r-Relazzjonijiet Industrijali, iżda ssostni li din ma kellhiex tiġi indirizzata lilha, iżda lill-kuntrattur li jħaddem u li jħallas lil dawk il-ħaddiema. Irrilevat li hija kienet attendiet għal diversi *'conciliation meetings'* quddiem id-Direttur tax-Xogħol fejn ħeġġet lill-istess Direttur sabiex tittieħed deċiżjoni bil-miktub u għalhekk il-*union* attriċi hawnhekk kellha tindirizza biss lis-soċjetà konvenuta ESSL, li kontriha kien intlaqa' l-mandat ta' inibizzjoni. Fir-rigward tar-*rosters,* is-soċjetà konvenuta Gozo Channel saħqet li hija ma kellhiex għalfejn ittella' fuq il-vapuri dawk il-ħaddiema li ma jorbtux, għaliex b'hekk hija tkun qiegħda taċċetta l-ksur tal-vinkolu kuntrattwali mas-soċjetà konvenuta, li tipprovdi ħaddiema li jistgħu jagħmlu xogħol ta' baħrin.

## <u>Provi u riżultanzi</u>

Waqt l-udjenza tat-12 ta' April, 2019, xehed **Ramon Francalanza**[1], prodott mill-*union* attriċi. Irrileva li huwa kellu l-kariga ta' *employment relations manager*

[1] *A fol.* 19 *et seq.* tal-proċess.

fit-taqsima tal-manifattura u l-kummerċ fi ħdan il-*union* attriċi. Ix-xhud spjega li f'Mejju tas-sena 2018, il-*union* attriċi kienet bdiet diskussjonijiet mas-soċjetà konvenuta ESSL wara li kienet saret taf li dawk il-ħaddiema tagħha li kienu jaħdmu mas-socjetà konvenuta Gozo Channel u li kienu jagħmlu l-istess xogħol bħal dak ta' ħaddiema oħra ta' din is-socjetà, kellhom differenza fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Spjega li dawk il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel li kienu membri tal-*union* attriċi, kellhom ftehim kollettiv, filwaqt li dawk il-ħaddiema l-oħra li kienu impjegati mas-soċjetà konvenuta ESSL kienu wkoll rappreżentati mill-*union* attriċi, iżda ma kien hemm l-ebda ftehim kollettiv. Kien hemm korrispondenza da parti tal-*union* attriċi mas-soċjetà konvenuta ESSL, iżda din tal-aħħar kienet wieġbet li hija kienet marbuta bil-kundizzjonijiet tat-*tender* u allura kienet marbuta wkoll tħallas bir-rati stipulati fil-ftehim. Min-naħa tagħha, is-soċjetà konvenuta Gozo Channel kienet irrispondiet li hija ma kellha xejn x'taqsam mal-ilment għaliex hija kienet marbuta bl-imsemmi *tender* mall-kuntrattur tagħha. B'hekk il-*union* attriċi rreġistrat tilwima industrijali. Ix-xhud irrileva li sussegwentement, f'Settembru tal-istess sena, kienet saret laqgħa ta' rikonċiljazzjoni quddiem id-Direttur tax-Xogħol, fejn ir-rappreżentant tas-soċjeta konvenuta ESSL ma kienx attenda. Iżda t-tilwima baqgħet miftuħa. Ix-xhud iddikjara li kienet saret laqgħa oħra fit-18 ta' Settembru, 2018, iżda għal darb'oħra ma kienx hemm konklużjoni. Fil-laqgħa sussegwenti tal-25 ta' Ottubru, 2018, għal darb'oħra ma kienx hemm rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ESSL preżenti, u reġa' ma ntlaħqitx konklużjoni. Sadanittant minn Settembru 'l hemm il-*union* attriċi kienet ħarġet diversi direttivi li laqtu ż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema. Ix-xhud spjega li erba' baħrin minnhom mill-ewwel intlaqtu minn *forced leave,* wara li

kienu segwew id-direttivi tal-*union* attriċi. Imbagħad, wara li ngħataw aktar direttivi, il-baħrin ġew esklużi mir-*roster* u ma bdewx jingħataw xogħol. Peress li l-*union* attriċi kienet qiegħda tinkwieta li dawn il-baħrin kienu ser jispiċċaw bla paga, hija kienet intavolat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, iżda xorta waħda sal-lum dawn ma tħallsux għall-*forced leave* u għat-tnaqqis fil-paga. Ix-xhud kompla jispjega li ż-żmien baqa' għaddej b'aktar pressjoni min-naħa tal-*union* attriċi permezz tad-direttivi, iżda bil-ħsieb fuq moħħhom li huma kellhom il-familja, il-baħrin daħlu lura għax-xogħol. Ix-xhud spjega li l-*union* attriċi kienet żammet mal-prinċipju ta' *equal pay* li kien jagħmel parti minn klawsola tal-*Employment and Industrial Relations Act.* In kontroeżami x-xhud ikkonferma li waħda mid-direttivi kienet li l-baħrin ma jorbtux il-vapuri.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2019, xehed **Sunny Camilleri**[2], prodott mill-*union* attriċi. Stqarr li huwa kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel bħala baħri u bejn Novembru u Diċembru tas-sena 2018 huwa kien impjegat mas-soċjetà konvenuta ESSL. Dak iż-żmien kull meta kienu joħorġu r-*rosters* mis-soċjetà konvenuta Gozo Channel, huma kienu bdew jingħataw jumejn xogħol fil-ġimgħa biss minflok ħamsa jew sitta, u sussegwentement inqatgħu 'l barra mix-xogħol. Kien hemm ukoll min kien fuq *forced leave.* Huma kienu jmorru l-uffiċċju tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel ma' Joseph Sultana mill-*union* attriċi u ċertu Warren kien jinfurmah li ma kienx hemm xogħol għalihom. Dan seħħ għal madwar tliet ġimgħat sħaħ wara li kienet interveniet il-*union* attriċi u ġew segwiti d-direttivi tagħha. Ix-xhud stqarr li s-soltu huwa kien jaħdem erbgħin siegħa fil-ġimgħa jew aktar minħabba l-*overtime* li kien jagħmel, iżda wara li bdew jiġu segwiti d-direttivi, huwa daqqa kien jingħata

[2] *A fol.* 28 *et seq.* tal-proċess.

tnax-il siegħa fil-ġimgħa u daqqiet oħra għaxra. Min-naħa tiegħu x-xhud ma kienx kellem lis-soċjetà konvenuta ESSL, iżda kien ħalla f'idejn il-*union* attriċi lil min kellha tgħaddi l-*claim* dwar il-flus li kien tilef.

Waqt l-istess udjenza xehed **Emanuel Zerafa**[3], prodott mill-*union* attriċi. Ikkonferma li bejn Ottubru u Diċembru tas-sena ta' qabel, huwa kien qed jaħdem mal-kumpannija ta' Ċiangura. Fl-istess żmien l-*union* attriċi kienet ressqet *claim* f'ismu kontra l-prinċipal tiegħu u kontra s-soċjetà konvenuta Gozo Channel. Dan għaliex huwa u sħabu ma kinux qed jitħallsu bħall-oħrajn u għalhekk il-*union* attriċi kienet ħarġet id-direttivi li kien segwihom huwa wkoll. Iżda il-*manager* tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel, li kien inkarigat jagħmel ir-*roster*, naqqaslu s-sigħat tax-xogħol sabiex l-ewwel ix-xhud beda jagħmel erbgħin siegħa u sussegwentement inqas minn hekk. Kien hemm ukoll min saħansitra kellu nieqes għoxrin siegħa fil-ġimgħa, iżda huwa kellu nieqes xi tlieta jew erba' sigħat fuq ġimagħtejn u ta' dawn kien għadu ma tħallasx.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2019, xehed għal darb'oħra **Ramon Francalanz**a[4], prodott mill-*union* attriċi. Ix-xhud esebixxa Dok. RFF1[5] fejn fit-tabella kienu jidhru diversi kalkoli li huma kienu għamlu b'riferiment għar-*roster* u l-*payslips* rispettivi tal-ħaddiema, u għadda sabiex jispjega kif saru dawn l-imsemmija kalkoli.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju, 2019, xehed **Warren Grech**[6], *human resources manager* mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel, in subizzjoni kif prodott mill-

---

[3] *A fol.* 38 *et seq.* tal-proċess.
[4] *A fol.* 46 *et seq.* tal-proċess.
[5] A *fol.* 49 tal-proċess.
[6] *A fol.* 51 *et seq.* tal-proċess.

*union* attriċi. Ikkonferma li huwa kien jaħdem mal-imsemmija soċjetà konvenuta Gozo Channel fiż-żmien tal-azzjoni industrijali meħuda mill-*union* attriċi. Spjega li d-direttivi li kienu ngħataw kienu kontra s-*safe manning* tal-vapur u għalhekk dawk il-ħaddiema li ma kinux qed jorbtu l-vapur tneħħew minn fuq ir-*roster*. Min-naħa taqgħha s-soċjetà konvenuta Gozo Channel ma kellha l-ebda obbligu li tħaddem lil min ma kienx impjegat magħha. Spjega li magħha kienu jaħdmu nies impjegati mas-soċjetà konvenuta ESSL, li kienet tqabbdet mis-soċjetà konvenuta Gozo Channel sabiex tipprovdi għadd ta' sigħat ta' xogħol permezz tal-impjegati tagħha, b'dana li r-*roster* dejjem kienet tagħmlu s-soċjetà konvenuta Gozo Channel u dan għal raġunijiet ta' *safe manning practices*. Kien Josef Hili, il-*liaison manager* li kien inkarigat jagħmel ir-*roster*. L-impjegati taż-żewġ soċjetajiet rispettivi kienu magħżulin minn xulxin permezz tal-*works number* tagħhom.

Waqt l-istess udjenza xehed **Joseph Sultana**[7], *assistant manager* tal-*Gozo Section* tal-*union* attriċi, prodott minnha stess. Spjega li meta ngħataw id-direttivi lill-membri tagħha li kienu jaħdmu mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel, kien hu li kien iwassal dawk id-direttivi lilhom. Iżda ġara li dawk il-ħaddiema ma baqgħux jitpoġġew fuq ir-*roster* u għalhekk huwa kien mar magħhom u daħal waħdu jkellem lis-Sur Grech tal-*human resources.* Ir-risposta kienet li s-soċjetà konvenuta Gozo Channel ma kellhiex x'taqsam ma' dawk il-ħaddiema għaliex dawn kienu impjegati mal-kuntrattur tagħha. Minn dakinhar huwa beda jiltaqa' mal-ħaddiema ħdejn il-gabbana max-Xatt u huma jiffirmawlu bħallikieku qed jagħmlu l-attendenza.

[7] *A fol.* 55 *et seq.* tal-proċess.

**Jesmond Bonello**, direttur mal-*union* attriċi, xehed permezz tal-*affidavit*[8], li ġie ppreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2019. Ix-xhud qal li f'Mejju, 2018, il-*union* kienet irċeviet rapport minn membri tagħha li dawn, għalkemm kienu qegħdin jagħmlu l-istess xogħol mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel bħall-impjegati tagħha, huma kellhom kundizzjonijiet tax-xogħol differenti. Saret investigazzjoni min-naħa tal-*union* u rriżulta li dan kien minnu. Peress li d-diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati ma waslu imkien, il-*union* attriċi rreġistrat tilwima industrijali u ħarġet direttivi lill-membri tagħha. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta Gozo Channel insistiet li hija ma kellhiex x'taqsam mal-pagi tal-ħaddiema affettwati, iżda x-xhud irrileva li din kienet tħallas lis-soċjetà konvenuta ESSL rata anqas minn dik li hija kienet tħallas lill-impjegati tagħha. Fl-4 ta' Settembru, 2018 saret laqgħa quddiem id-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali, iżda kemm is-soċjetà konvenuta ESSL u anki ċ-*Chairman* tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel naqsu milli jattendu. L-istess reġa' ġara fil-laqgħa tat-18 ta' Settembru, 2018, fejn id-Direttur Alessandra Gatt ikkunsidrat li l-kwistjoni kienet taqa' taħt il-leġislazzjoni sussidjarja ta' *temping* sabiex b'hekk l-impjegati tas-soċjetà konvenuta ESSL kellu jkollhom l-istess kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv viġenti mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel. L-appuntament għal laqgħa oħra għall-5 ta' Ottubru, 2018 tħassar, iżda saret laqgħa fil-25 ta' Ottubru, 2018, fejn attenda ċ-*Chairman* tal-Gozo Channel. Dan injora għal kollox il-ftehim u ddikjara li huwa ma kellux x'jaqsam mal-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta ESSL u lanqas kellu kontroll fuq il-*forced leave.* Għalhekk il-*union* attriċi minn hemm ġabet fis-seħħ direttivi oħra, b'dana li l-ħaddiema ma bdewx jitħallew

[8] *A fol.* 60 *et seq.* tal-proċess.

jirrapportaw għax-xogħol mis-soċjetà konvenuta Gozo Channel stess. Huwa kien tkellem mal-*human resources manager* u dan qallu li jekk dawn kienu ser isegwu d-direttivi, allura s-soċjetà konvenuta Gozo Channel ma kinitx ser tħallihom jaħdmu fuq il-vapuri tagħha. Sussegwentement il-ħaddiema tnaqqasilhom il-*leave* u anki ma tħallsux il-pagi kollha.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2019, xehed **John Muscat**[9], prodott mis-soċjetà konvenuta Gozo Channel. Ix-xhud spjega li huwa kien jaħdem bħala l-*administration* u *procurement manager* mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel. Huwa esebixxa l-kuntratt li kien sar mas-soċjetà konvenuta ESSL.[10]

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2020, xehed għal darb'oħra **John Muscat** in kontroeżami mill-*union* attriċi.[11] Ix-xhud iddikjara li s-soċjetà konvenuta Gozo Channel kienet ivverifikat ir-rati ta' ħlas tal-ħaddiema mad-DIR u dawn kienu qalulhom li r-rata ta' *seaman* kienet inqas b'10% sabiex tasal għar-rata tal-kuntrattur. Huma kienu ngħataw kopja tal-ftehim kollettiv u tawhom erba' rati fir-rigward tal-ħlas li kellu jsir lill-impjegati. Ix-xhud aċċetta li kien hemm żewġ rati differenti.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Il-*union* attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tibda billi tiċċita l-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li minnu joħroġ il-prinċipju ta' *equal pay for equal work*, li fuqu hija msejsa l-azzjoni tagħha.

---

[9] *A fol.* 65 *et seq.* tal-proċess.
[10] Dok. GC1 a *fol.* 68.
[11] *A fol.* 74 *et seq.* tal-proċess.

Iżda, kif ser jiġi spjegat, fid-dawl tal-provi li tressqu quddiemha, il-Qorti tqis li huwa applikabbli ukoll għall-vertenza odjerna s-subinċiż (1) tar-regolament 4 tal-A.L. 461 tas-sena 2010 kif emendat permezz tal-A.L. 272 tas-sena 2018, li ġie fis-seħħ fl-10 ta' Awwissu, 2018. Dan jaqra kif ġej:

> *"4(1) Il-kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom ikunu, għat-tul ta' żmien tal-assenjazzjoni tagħhom f'impriża utenti, tal-inqas dawk li jkunu japplikaw kieku kienu reklutati direttament minn dik l-impriża biex jokkupaw l-istess impjieg, bis-saħħa tal-Att, jew ta' xi regolament maħruġ taħtu jew taħt xi leġislazzjoni oħra jew bis-saħħa ta' xi ftehim kollettiv applikabbli."*

Issa mix-xhieda ta' Ramon Francalanza[12], li jaħdem bħala *employment relations manager* fit-Taqsima tal-Manifattura u l-Kummerċ fi ħdan il-*union* attriċi, kif ukoll mix-xhieda ta' Jesmond Bonello[13], *direttur* fi ħdan l-istess *union attriċi*, u dik tal-baħrin Sunny Camilleri[14] u Emanuel Zerafa[15], jirriżulta mhux kontestat li wħud mill-baħrin u l-*cabin attendants* li kienu jaħdmu fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel* għall-ħabta ta' Awwissu tas-sena 2018, kienu fil-fatt impjegati mas-soċjetà konvenuta ESSL. Skont ix-xhud John Muscat[16], li jaħdem bħala *administration* u *procurement manager* mas-soċjetà konvenuta Gozo Channel, dan kien bis-saħħa ta' ftehim[17] bejn iż-żewġ soċjetajiet konvenuti ffirmat fl-1 ta' Lulju, 2018, għall-provvista ta' dsatax-il baħri sabiex jaħdmu fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel* limitatament għall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju, 2018, u l-31 ta' Diċembru, 2018.

---

[12] *A fol.* 19 *et seq.* tal-proċess.
[13] *A fol.* 19 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 28 *et seq.* tal-proċess..
[15] *A fol.* 38 *et seq.* tal-proċess..
[16] *A fol.* 65.
[17] Kopja a *fol.* 68.

Jirriżulta wkoll mhux kontestat mill-istess xhieda, li anki s-soċjetà konvenuta Gozo Channel għandha impjegati magħha diversi baħrin. Skont ix-xhieda[18] ta' John Muscat, is-soċjetà konvenuta Gozo Channel kienet użat l-istess *job description* ta' dawn il-baħrin meta ftiehmet mas-soċjetà konvenuta ESSL dwar provvista ta' baħrin.

B'hekk il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda dubju li l-vertenza odjerna għandha tiġi deċiża skont id-dispożizzjonijiet tas-subinċiż (1) tar-regolament 4 fuq ċitat, u li jirrikjedi li dawk l-impjegati tas-soċjetà konvenuta ESSL li ġew assenjati lis-soċjetà konvenuta Gozo Channel bis-saħħa tal-ftehim imsemmi, kellhom igawdu mill-istess kundizzjonijiet bażiċi tax-xogħol, u allura skont is-subinċiż (2) tal-istess regolament anki l-paga dovuta, bħal dawk il-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel.

Iżda peress li l-imsemmija kienu impjegati mas-soċjetà konvenuta ESSL, kien jispetta lil din is-soċjetà li tottempora ruħha ma dak li jipprovdi ir-regolament 4 tal-A.L. 461 tas-sena 2010. Għalhekk il-Qorti tikkunsidra li hija proprju din is-soċjetà li għandha tirrispondi għat-tnaqqis fil-paga tal-imsemmija impjegati tagħha, kif wkoll għat-teħid ta' *leave* forzat li mhux permess mil-liġi għall-ebda raġuni. L-unika eċċezzjoni jipprovdi għaliha ir-regolament 5 tal-istess Avviż Legali, li jikkontempla sitwazzjoni ta' kuntratt indefinit tax-xogħol fejn l-impjegat jitħallas ukoll bejn kull assenjazzjoni ta' xogħol, iżda ma jirriżultax li l-fatti kienu hekk fil-każ odjern.

Jirriżulta wkoll mhux kontestat li l-aġir tas-soċjetà konvenuta ESSL kien riżultat tat-twettiq tad-direttivi tal-*union* attriċi min-naħa tal-istess impjegati, li sofrew

[18] *A fol.* 66.

it-tnaqqis fil-paga tagħhom, u oħrajn anki it-teħid ta' *leave* forzat. Dan l-aġir seħħ f'kuntest fejn is-soċjetà konvenuta ESSL ma wriet l-ebda interess fil-kwistjoni mal-ħaddiema tagħha stess u saħansitra naqset milli tattendi l-laqgħat li saru fil-preżenza tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali wara li ġiet reġistrata tilwima industrijali mal-istess Dipartiment min-naħa tal-*union* attriċi. L-aġir tas-soċjetà konventa ESSL għalhekk ma jistax jinftiehem bl-ebda mod, għajr li kien intiż li jġiegħel lil dawk il-ħaddiema membri tal-*union* attriċi, biex ma jsegwux id-direttivi tagħha. Dan bil-konsegwenza li tispiċċa r-rilevanza tal-istess *union* attriċi, li l-iskop tal-eżistenza tagħha huwa dak tal-protezzjoni tal-jeddijiet tal-ħaddiema membri tagħha.

Fil-każ odjern jirriżulta mix-xhieda[19] ta' Ramon Francalanza, li l-ħaddiema bdew jibżgħu meta raw li huma kienu ġew kastigati talli obdew id-direttivi tal-*union* attriċi, u dan filwaqt li qalulha li kienu qed jaħsbu fil-familji rispettivi tagħhom, u b'hekk reġgħu daħlu lura għax-xogħol. Dan il-fatt mhux kontestat mill-konvenuti. B'hekk jirriżulta li l-*union* attriċi fil-każ odjern waslet sabiex tilfet ir-rilevanza tagħha mal-membri tagħha stess, għalkemm għandu jingħad li ftit jew xejn ressqet provi sabiex turi x'kienu dawk id-danni li allegatament sofriet.

B'dana li din il-Qorti tikkunsidra li min-naħa l-oħra jirriżulta mill-provi li hija proprju s-soċjetà konvenuta Gozo Channel, u mhux is-soċjetà konvenuta ESSL, li hija responsabbli għall-iskeda tax-xogħol tal-ħaddiema tagħha, kif ukoll ta' dawk ingaġġati permezz tal-ftehim mal-konvenuta ESSL. Iżda kif diġà kellha l-

[19] *A fol.* 24 tal-proċess.

opportunità li tesprimi ruħha fid-digriet tagħha fl-ismijiet fuq premessi, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1916/18/1 LM, il-Qorti tqis li l-iskeda ta' xogħol hija biss ir-responsabbilità diretta tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel. Iżda din kellha quddiemha sitwazzjoni li jekk ittella' abbord fuq il-vapuri tagħha baħrin li ma jorbtux, hija setgħet min-naħa waħda tikkomprometti s-sigurtà tal-passiġġieri u tal-vetturi abbord il-vapuri tagħha u min-naħa l-oħra tħarbat l-iskeda tat-tluq u tal-wasla tagħhom, b'konsegwenzi fuq is-servizz pubbliku u fuq il-passiġġieri stess li kienu qegħdin jivvjaġġaw bejn gżira u oħra għal diversi raġunijiet, inklużi dawk ta' xogħol, saħħa, edukazzjoni, negozju.

Ix-xhud Ramon Francalanza esebixxa dokument fejn hemm spjegat fid-dettall is-sigħat tal-membri tagħha ngaġġati bħala baħrin, u fil-każ ta' wieħed minnhom bħala *cabin attendant,* li ntilfu u li b'kollox għandhom valur ta' €5,260.57, tenut kont tar-rata ta' €7.73 fis-siegħa li huma kienu intitolati għaliha u kkonferma li huwa stess ħadem u wasal għal din is-somma.

Il-Qorti tosserva li s-soċjetà konvenuta ESSL mhux biss baqgħet kontumaċja, iżda naqset milli tagħmel sottomissjonijiet fir-rigward tal-provi mressqa mill-partijiet l-oħra, u għalhekk qiegħda tikkunsidra li s-somma pretiża mhijiex kontestata.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi:**

i. **Tilqa' talbiet tal-*union* attriċi fil-paragrafi 2(i), 3(ii) u 4(iii) limitatament fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ESSL;**

ii. **Tiċħad it-talba attriċi fil-paragrafu 5(iv) fil-konfront tal-konvenuti;**

iii. **Tilqa' s-sitt talba tal-*union* attriċi fil-konfront biss tas-soċjetà konvenuta ESSL u tiċħadha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Gozo Channel;**

iv. **Tilqa' s-seba' talba u t-tmien talba tal-*union* attriċi billi tillikwida d-danni dovuta mis-soċjetà konvenuta ESSL lill-ħaddiema tagħha fis-somma ta' ħamest elef mitejn u sittin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€5,260.57) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta ESSL tħallas din is-somma lilhom skont Dok. RFF1 esebit fl-atti a *fol.* 49;**

v. **Tilqa' d-disa', l-għaxar u l-ħdax-il talba tal-*union* attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta ESSL waħedha.**

**L-ispejjeż tal-proċedura odjerna huma a karigu tas-soċjetà konvenuta ESSL, inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni nru 1916/2018/1 LM fl-ismijiet fuq premessi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**